**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 16 ta' Mejju, 2002**

Citazzjoni Numru: **83/02TM**

Numru**:**

**Doreen Busuttil**

vs

**Andrew Bugeja**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Andrew Bugeja pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2002, li in forza tieghu wara li espona:

1. Illi bil-mandat fuq riferit l-imsemmija Doreen Busuttil talbet u otteniet l-hrug ta' dan il-mandat fuq pretensjoni ta' l-ammont ta' dsatax il-elf hames mija erba' u sebghin liri u sitta u tmenin centzmu (LM19,574.86) rappresentanti allegati hlas ta' kummissjonijiet u arretrati ta' hlasijiet allegatament dovuti mill-

esponent skond il-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-kontendenti.

2. Illi apparti l-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni ma jsemmi xejn minn dawn l-ammont "favolusi" u l-istess pretensjonijiet huma nfondati ghal kollox kif ser jigi kontestat fil-kawza reattiva, l-imsemmi mandat gie mahrug f'idejn is-socjeta' Frigoserv Ltd – li hija s-socjeta' li timpjega lill-esponent – sabiex din zzomm sekwestrati l-eccess ta' tlett mitt lira (LM300) mis-salarju ta' l-esponent.
3. Illi kif jirrisulta mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ippublikat fil-31 ta' Awissu 2000 in atti Nutar Nicholas Vella (hawn esebit markat bhala Dokument AB1):

    (a) Irrikavat kollu mill-bejgh tal-villa tal-partijiet (li kienet tikkostitwixxi d-dar matrimonjali taghhom) kellu jigi interament percepit minn martu (vide klawsola 8(I));

    (b) Martu mghatat id-dritt li tkompli tghix fl-imsemmija villa bl-esklusjoni ta' l-esponent.

4. Illi effettivament il-villa fuq imsemmija nbieghet bi prezz konsiderevoli u b'parti mir-rikavat martu strat maisonette ghaliha filwaqt li l-esponent spicca biex kellu jikri flat li qed jigi hawn esebit markat bhala Dokument AB2:

    (a) huwa qed ihallas kera ta' mitt lira (LM100) fix-xahar;

    (b) l-ispejjes ta' dawl, ilma u telefon huma kollha a kariku tieghu oltre l-ammont tal-kera.

5. Illi inoltre l-esponent jinkorri kull xahar is-segwenti spejjes:

   (a) L-ammont ta' LM160 fix-xahar ghall-ghejxien u bzonnijiet personali tieghu;

   (b) Lammont ta' LM45 fix-xahar bhala hlas tal-BUPA li fiha hemm inkluzi z-zewg uliedu;

   (c) L-ammont ta' LM16.50 fix-xahar ghal seftur biex tnaddaf il-flat;

6. Illi oltre dan, kif jidher mill-istess kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 5), l-esponent suppost qed ihallas lil martu LM200 fix-xahar bhala manteniment – obbligu li ser jigi kontestat f'kawza 'ad hoc' minhabba adelterju ta' martu ma' haddiehor, ma' liema persuna l-istess martu illum sahansitra tikkoabita – liema obbligu pero' sadattant igib mieghu certu sanzjonijiet fin-nuqqas ta' hlas.

7. Illi kif hu ndikattiv mic-'chit' tassalarju hawn esbit bhala Dokument AB3, l-esponent jircievi f'idejh medja ta' hames mija u ghoxrin liri Maltin (LM520) fix-xahar (cioe' LM476 u LM41 allowance tal-karozza) u ghalhekk huwa impossibbli ghalih li jonora l-obbligi tieghu u jghix b'mod dicenti jekk ma jircevix is-salarju kollu.

Ghaldaqstant l-esponent talab lill-Qorti joghgobha sabiex ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (f) u 382 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili tirrevoka l-imsemmi mandat fuq riferit inkwantu dan

hu dirett fuq is-salarju kollu li hu jippercepixxi minghand is-socjeta' Frigoserv Limited.

Rat ir-risposta ta' Doreen Busuttil li in forza taghha esponiet illi l-allegazzjonijiet kif esposti mir-rikorrenti huma mimlija b'inazetezzi tant ma jirriflettiex is-sitwazzjoni reali;

Illi bhala fatt r-rikorrenti qieghed jghix ma' persuna ohra gor-residenza taghha u ghalhekk l-ispejjes tad-dawl, ilma u telefon ma ghandu pratikkament xejn peress illi qatt ma jkun fil-flat tieghu u ghalhekk l-allegazzjoni li jhallas LM16.50 ghas-seftura hija ukoll infondata;

Illi l-allegazzjoni illi ihallas l-ammont ta' LM45 fix-xahar hija infondata peress illi skond milli jidher mill-anness dokument sa ftit xhur ilu kien ihallas l-ammont ta' LM31 ghal zewg adulti u zewgt itfal u issa nehha lill-esponenti minnha u ghalhekk zgur li hija aktar irhisa;

Illi ghar-rigward il-mertu tar-rikors fejn qieghed jigi allegat illi hemm xi ammont dovut lill-esponenti dan huwa minnu peress illi kif jinghad fl-istess kuntratt ta' separazzjoni hemm dikjarat illi:

"Il-partijiet jaqblu ukoll illi l-introjtu abbazi ta' commission percebibbli mir-ragel sallum ghandu jigi versat lill-mara".

Illi bhala fatt l-istess Andrew Bugeja kien ta' diskett lill-martu bl-informazzjoni tal-commissions u dan l-ammont ma giex dikjarat fil-kuntratt peress illi kien hemm ammont sostanzjali li l-istess Andrew Bugeja iddikjara illi minhabba t-taxxa ma riedx jiddikjarhom. Dan id-

diskors sar ukoll quddiem l-avukat Dr Martin Fenech meta kien qieghed jigi diskuss id-dettalji tas-separazzjoni;

Illi ta' min isemmi illi r-raguni tas-separazzjoni hija illi Andrew Bugeja bil-mohbi u wara dar l-esponenti iltaqa' ma mara Braziljana fuq l-Internet, mar jiltaqa' maghha Ruma fejn ghaddew gimgha flimkien;

Illi hawn jidher bic-car il-mohh qarrieqi u xejn affidabbli anzi li jqarraq bin-nies u l-uniku raguni li saret taf b'din ir-relazzjoni kienet minhabba l-fatt li r-rikorrenti sab l-e-mails li kien jircievi u jibghat lil din il-habiba Braziljana;

Illi jirrizulta ukoll mill-e-mails illi meta din il-Braziljana riedet commitment minn ma' Andrew Bugeja hu ma riedx u rieda bhala passatemp peress li gja kellu commitment u din ir-relazzjoni kompliet tant li gabha Malta wara s-separazzjoni ghall-vagazna;

Illi dawn il-fatti ammetta kollox lill-esponenti u issa l-iskop principali ta' Andrew Bugeja hija sabiex jpatti lill-esponenti u jipprova jghakkisa;

Illi Andrew Bugeja jista' jaghmel kemm il-kawza irid fuq adulterju ta' martu pero' jibqa' il-fatt li hemm obbligu ta' manteniment liema obbligu kien accetta liberament li jaghti u bhala fatt l-esponenti qatt ma ghamel ebda adulterju;

Illi apparti s-salarju l-istess Andrew Bugeja jircievi ammont sostanzjali ta' flus li jkopru il-commissions, di piu' jirrizulta illi huwa

ukoll azzjonista fil-kumpanija Frigoserv Ltd u propju huwa dan il-fatt illi ma jistax jlahhaq mal-paga;

Illi Andrew Bugeja huwa bniedem li anki meta kien jghix mal-esponenti kellu problemi mal-principal precedenti fejn ghamillu sekwestru peress li kiser il-kuntratt li kellu u kien qieghed jdahhal commissions baxx baxx u kien diga azzjonista pero' ma jidhirx, u bhala fatt wara li kien hemm is-separazzjoni qaleb is-shares fuq ismu liema shares kienu ilhom tieghu minn 1999 meta giet ifformata Frigoserv.

Illi Andrew Bugeja qieghed jipprova jpingi lilu innifsu bhala miskin u li ma ghandux flus pero' ir-realta' hija illi tant idahhal flus mill-commissions li qieghed jaghmel dan ir-rikors sabiex nerga nghid jghakkes lill-esponenti li qieghed tipprova terga' tibda hajjitha mill-gdid wara dawk l-azzjonijiet li ghamel;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob illi dan ir-rikors jigi michud bl-ispejjes kontra l-stess rikorrent peress illi ghad hemm bzonn illi jigi salvagwardjat sehma kif miftiehem fuq il-kuntratt ta' separazzjoni li l-iskop principal tieghu huwa li ma jhallasx xejn lil martu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti milli-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghal decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet f'din il-kawza huma formalment separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella tal-31 ta' Awissu, 2000, skond liema kuntratt ir-ragel obbliga ruhu li jaghmel xi pagamenti u hlasijiet ohra lill-mara. Il-mara qed tallega li zewgha naqas li jaghmel xi pagamenti lilha dovuta, u fethet kawza (numru 1812/01) biex zewgha jigi kkundannat ihallas is-somma ta' LM19,574.99 rapprezentanti arretrati ta' cens, dejn mal-Bank, imghax u kummissjoni. In kawtela ta' din il-pretensjoni, l-mara talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 3138/01, liema Mandat hareg f'idejn il-Banek lokali u d-ditti li maghhom ir-ragel hu impjegat. Il-Mandat, skond il-ligi, hareg biex, mis-salarju li ghandu r-ragel, tinzamm l-eccess ta' LM300. Ir-ragel qed jaghmel dawn il-proceduri biex, a tenur ta' l-artikolu 836 (1) tal-Kap 12, il-Mandat jigi revokat peress li "fic-cirkustanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu" (art. 836 (1) (f) ), u wkoll biex, a tenur ta' l-artikolu 382 (1) ta' l-istess Kap 12, jithassar il-Mandat anki ghall-eccess ta' Lm300 milquta mill-Mandat, peress li qed jallega li ghandu bzonn dak l-eccess ghall-manteniment tieghu jew tal-familja.

Ir-rikorenti pprova li s-salarju net tieghu huwa ta' LM476. Oltre dan is-saarju, il-kumpanija tipprovdih b'karozza u tiehu hsieb is-servizz taghha; ghandu wkoll petrol allowance. Bhala spejjes, ghandu l-kera tal-post fejn qed jabita, LM100 fix-xahar u jhallas ukoll LM16.50 fix-xahar lis-seftura. Ihallas ukoll LM45 bhala medical insurance mal-BUPA ghalih u ghaz-zewgt itfal. Barra dan, irid ihallas ghas-servizzi tad-dar u ghall-ghixien tieghu, li hu jikalkola li jonfoq mal-LM160 fix-xahar ohra. Fuq il-kuntratt ta' separazzjoni, intrabat li jhallas lill-martu manteniment fis-somma ta' LM200 fix-xahar.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li r-rikorrent ma weriehx ghaliex il-Mandat kawtelatorju in kwistjoni ghandu jitqies ‘mhux ragonevoli’. Martu qed tippretendi li ghandha tiehu s-somma ta’ LM19,574 minghand ir-rikorrent u din il-pretensjoni iddeducieta bil-kawza fuq imsemmija. Fic-cirkustanzi, kwindi, l-Mandat jidher li hu gustifikat. Ovvjament, jekk wara jirrizulta li dan il-Mandat inhareg jew inzamm fis-sehh vessatorjament jew a bazi ta’ pretensjoni ghall-kwantu bla bazi, il-mara tista’ tkun passibbli ghad-danni u/jew penali, izda f’dan l-istadju, il-Mandat jidher gustifikat u kwindi t-talba, in kwantu, bazata fuq l-artikolu 836 (1)(f), qed tigi respinta.

Ghar-rigward tat-talba ghall-eccess, jirrizulta li minn salarju ta’ LM476, ir-rikorrent ghandu zgur spejjez ammontanti ghal LM161.50 fix-xahar, oltre li suppost ihallas LM200 bhala manteniment lill-martu. Jekk hu jaghmel dawn il-hlasijiet, jibqa’ b’ LM114.50 biss f’idejh. Il-mara tghid li, oltre s-salarju, zewgha idahhal somom ohra f’kummissjonijiet, pero’, mix-xhieda ta’ Andrew Galea Salamone, rappresentant tad-ditta V.J. Salamone Equipment Ltd, jirrizulta li r-rikorrenti ilu xi sena u nofs ma jiehu kummissjoni. Ma jirrizultax lanqas li r-rikorrenti ghandu xi introjtu iehor minn xi kirjiet jew cnus; lanqas ma ngiebu provi dwar l-imghax fuq kontijiet bankarji li jista’ ghandu f’ismu li, del resto, wkoll gew sekwestrati.

Bil-hrug tal-Mandat fuq is-salarju, ir-ragel waqaf ihallas il-manteniment lill-martu, u dan peress li, skond hu, minn salarju ta’ LM476, il-kumpanija qed thallsu biss LM300 u zzomm l-eccess minhabba l-Mandat, u b’din is-somma ma jistax ihallas il-manteniment u jghixu hu.

Il-Qorti thoss li, jekk mit-LM300 li jiehu, ihallas manteniment ta' LM200, b'LM100 fix-xahar difficcli li r-rikorrent jghix, ancorche' qed jghix wahdu. Ikun aktar ekwu li r-rikorrenti jithalla jiehu salarju ta' LM400, biex wara li jhallas il-manteniment lill-martu, ammontanti ghal LM200 fix-xahar, jibqghalu f'idejh LM200 fix-xahar, somma li, fic-cirkostanzi, jkun jista' jirregolha ghall-ghixien tieghu.

Il-Qorti, ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu 382 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi tordna li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 3138/01, kwantu inhareg f'idejn is-socjeta' J.V. Salamone Equipment Ltd., ghandu jibqa' fis-sehh ghall-eccess ta' LM400, biex hekk ir-rikorrenti ikollu somma adegwata biex ihallas il-manteniment lill-martu u jipprovdi ghall-ghixien tieghu.

L-ispejjes ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn l-istess partijiet.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja